MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Numru 29/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**Vs**

**Kupa Indrit**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Kupa Indrit ta’ Nazzjonalità Albaniza, ta’ sittax-il (16) sena, bin Gzim u Hasia, imwieled gewwa Diber nhar l-1 ta’ Awwissu 1995 u residenti Diber, detentur ta’ Passaport bin-Numru BE5235656, talli:

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'karta ta’ identita Taljana b'numru AO 9056594 f'isem Paciello Giovanni, jew ghamel uzu jew kien fil-pussess ta' dan id-dokument li hu jaf li kien iffalsifikat, mibdul jew li sar xi

tibdil fuqu, u dan bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi ffalsifika jew xjentament ghamel uzu minn xi dokument (hawn fuq imsemmi) jew xi dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi ta jew gieghel jghati xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tgharif ta' fatti foloz lil ufficjal ta' l-immigrazzjoni, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(l)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz, fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bil-procedura sommarja.

Rat illi l-imputat filwaqt li ma sabx oggezzjoni sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bil-procedura sommarja, irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra it-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni u t-tielet akkuza huma alternattivi ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat;

Rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Ghalkemm il-Prosekuzzjoni ddikjarat li t-tieni u tielet akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat huma alternattivi ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, mill-atti tal-kawza, mill-istess akkuzi u mis-sottomissjonijiet dwar il-piena jirrizulta li hija t-tieni akkuza li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza filwaqt illi l-ewwel akkuza tikkostitwixxi l-fini

ghall-mezz identifikat bit-tielet akkuza u b'hekk hemm assorbiment bejniethom.

Fid-dawl ta' dan appena osservat u fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza in kwantu alternattiva ghall-ewwel akkuza, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u tat-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' ta' l-imputat, il-fedina penali netta ta' l-imputat, il-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-assorbiment bejn l-ewwel u t-tielet akkuza, u ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal disa' (9) xhur prigunerija izda, billi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi hemm lok li l-imsemmi terminu ta' disa' (9) xhur prigunerija jigi sospiz, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi t-terminu ta' disa' (9) xhur prigunerija ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------